MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 319/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Nazzareno u Mary Grace mizzewgin Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tat-30 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:
Ili in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Anthony Abela datat 10 ta' Settembru 1999 (Dok. A), l-intimati iddikjaraw ruhhom veru, certi u likwidi debituri tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' disgha u sittin elf, hames mija u disa' ewro u erbgha u tletin centezmu (€69,509.34) [ekwivalenti ghal Lm29,840.36] flimkien mal-imghax u spejjez relattivi oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi d-debitu tal-intimati mas-socjeta rikorrenti illum jammonta ghal erbgha u disghin elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin ewro u sitta u sittin centezmu (€94,922.66)

flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Marzu 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti titlob umolment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 10 ta’ Settembru 1999 in atti Nutar Anthony Abela (Dok. A) fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Borg li jghid hekk:
IlIi din hija t-twegiba tal-intimat ghar-rikors datat 30 ta' Marzu, 2011 permezz ta' liema s-socjeta rikorrenti talbet illi dina I-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 10 ta' Settembru, 1999 in atti Nutar Dottor Anton Borg Olivier bl-ispejjez kontra I-istess intimati.

IlIi I-esponenti jecepixxi li t-talba tas-socjeta rikorrenti ma tistax tintlaqa' kif dedotta u dan ghas-segwenti ragunijiet Ii huma Ikoll mressqin minghajr pregudizzju ghal xulxin u salv eccezzjonijiet ulterjuri:

(a) FI-ewwel lok in-nullita tar-rikors surreferit in vista tal-fatt li ma tirreferix ghall-kuntratt anness mal-istess. Huwa minnu li I-kuntratt anness mar-rikors huwa datat 10 ta' Settembru, 1999 pero ma giex ippublikat min-Nutar Anton Borg Olivier imma min-Nutar Anthony Abela.

(b) Fit-tieni lok, I-intempestivita tar-rikors surreferit stante illi ma jirrizultax li saret il-procedura mehtiega mill-art. 256(2) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

(c) Fit-tielet lok, ir-rikors odjern huwa wkoll intempestiv in kwantu ghandha ssir il-prova li I-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut, multo magis, in vista tan-nuqqas da parti tas-socjeta' rikorrenti li tinterpella lill-esponenti ghall-hlas.

L-ammont reklamat jinsab fi kwalunkwe kaz ikkontestat bhala wiehed ezagerat.

(d) Fir-raba lok, lanqas ma huwa dovut l-ammont mitlub in vista tal-fatt li s-socjeta rikorrenti accetat pagamenti minghand l-esponenti ukoll wara l-prezentata tar-rikors odjern minghajr ma infurmat lill-esponenti b'tali rikors u wkoll minghajr ma saret id-debita rizerva ghad-drittijiet jew pretensjonijiet taghha skond l-istess.

(e) Fil-hames lok, din il-procedura ghandha tigi sospiza sakemm tigi finalizzata l-procedura ta' separazzjoni bejn l-esponenti u martu l-intimata Mary Grace Borg proprju ghaliex ikun biss max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti li l-esponenti jkun f'posizzjoni li jaghmel dawk l-atti kollha civili necessarji sabiex jissalvagwardja l-posizzjoni tieghu.

(f) Fis-sitt lok, ghandu jirrizulta wkoll li, fi kwalukwe kaz l-ezekuzzjoni ta' tali kuntratt ghandha tkun limitata ghall-hanut bl-isem 'Anthony Grocery', minghajr numru, f'Riebu Well Street in Rabat, Malta stante li l-valur tal-istess huwa sufficjenti sabiex jaghmel tajjeb ghall-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti.

(g) Fis-seba' lok, l-esponenti qed jirrizerva d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-intimata Mary Grace Borg stante li din il-procedura hija rizultanti tal-agir tal-istess intimata kif jirrizulta mill-procedura ta' separazzjoni li tinsab pendenti bejnha u l-esponenti u kif ukoll kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

(h) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez tal-istess kontra l-istess socjeta rikorrenti jew kontra l-intimata Mary Grace Borg skond kif jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Grace Borg li tghid hekk:
Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu kollha kemm huma michudin minhabba s-segwenti ragunijiet;

1. Illi r-rikors guramentat tas-socjeta attrici huwa fl-ewwel lok null stante li dan ghandu rekwizit essenzjali nieqes u cioe l-intimazzjoni mitluba mil-ligi ai termini tal-artiklu 156(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 Ligijiet ta' Malta);

2. Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fit-tieni lok intempestiva stante li l-ebda sejha ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju ma giet prezentat mis-socjeta rikorrenti u wisq inqas notifikata lill-intimata qabel ma gie prezentat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici u dan bi ksur tal-artikolu 256(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 Ligijiet ta' Malta) liema nuqqas konsegwentement irendi t-talba tal-istess socjeta attrici nulla;

3. Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tidher ukoll li hija intempestiva stante li mir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut Nazzareno Borg, jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet ghadha qed taccetta pagamenti referibbli ghall-ammont pretiz sahansitra wara l-prezentata tar-rikors guramentat prezentat minnha;

4. Illi t-talba tas-socjeta attrici hija wkoll improponibbli stante li ghall-kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors prezentat mis-socjeta attrici, l-eccipjenti mhix konxja tal-ezistenza ta' xi Kostituzzjoni ta' Debitu redatta quddiem in-Nutar Dottor Anton Borg Olivier;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz zgur li m'huwiex cert u likwidu u wisq anqas dovut u jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti li tipprova x'kien verament l-ammont li ntuza mill-overdraft facility li kienet giet koncessa, dejjem jekk kien il-kaz, kif sar il-kalkolu dwar l-ammont li qed jigi pretiz, inkluza l-komputazzjoni tal-imghaxijiet, kif ukoll li taghti rendikont, car u komplet ta' kull pagament li seta' kien maghmul sabiex jithallas kwalsiasi ammont li seta’ kien dovut;

6. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi wkoll eccepit li jekk stess kellu jirrizulta li sar uzu mill-allegata

facilita ta' overdraft, ghandu jkun l-intimat Nazzareno Borg li jwiegeb ghall-allegat dejn dovut bil-proprjeta parafernali tieghu cioe l-flat numru tnejn (2), f'Borka Flats, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar stante li l-eccipjenti qatt ma ghamlet uzu mill-istess flus u qatt ma inghatat ebda informazzjoni jew rendikont minghand l-imsemmi intimat dwar kif intuzaw l-allegati somom ta' flus, wisq inqas ma tat kunsens dwar l-uzu li seta' sar minnhom;

7. Illi ghar-ragunijiet pre-citati, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-20 ta’ Novembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-bank attur qed jitlob permezz ta’ din l-azzjoni li kuntratt pubbliku jerga’ jinghata l-hajja qua titolu ezekuttiv minhabba li ghaddew aktar minn tlett snin mindu seta’ jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu mhux imhallas.

Il-kuntratt pubbliku li l-bank attur jaghmel referenza ghalih hu kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 10 ta’ Settembru 1999 fol 2 et seq. tal-process fejn il-konvenuti ddikjaraw ruhhom debituri ta’ somma determinata liema somma setghet tigi mitluba lura mill-bank fuq talba semplici bil-miktub ghalkemm il-bank irriserva favorih id-dritt li jaghmel il-kundizzjonijiet li jidhirlu necessarji ghal pagament tad-debitu fuq perjodu ta’ zmien. Ma gie stabbilit ebda zmien minn meta seta’ jigi mitlub il-pagament tas-somma dovuta skond il-kuntratt u l-imghax miftiehem stabbilit bhala l-oghola rata li taghti l-ligi.

Jidher mill-atti illi d-debituri ghadhom ma ssaldawx id-debitu tant li skond il-prospett ipprezentat mill-bank id-debitu llum, tenut kont tal-imghaxijiet hu akbar mis-somma

dovuta inizjalment fl-1999, ghalkemm jidher li l-konvenuti ghamlu xi pagamenti akkont.

Ma jidhirx li l-bank ghamel xi procedura qabel fetah dan ir-rikors. Anzi jidher mix-xiehda in kontroezami ta' Graziella Perrone, rapprezentata tal-bank li tinsab fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, illi ma taf b'ebda ittra ufficjali mibghuta mill-bank qabel inbdew il-proceduri odjerni.

Il-Qorti fil-kawza **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, deciza fis-27 ta' Settembru 2012 per Imhallef J.R. Micallef intqal illi l-artikolu tal-ligi in kwistjoni cioe l-artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-ligi taghti l-fakolta lil min ikollu titolu ezekuttiv li tghaddilu l-hajja li fih tista' ssir l-ezekuzzjoni tieghu li tali titolu jista' jigi ravvivat b'din il-procedura.

Billi l-kwistjoni f'dan il-kaz kif kien fil-kaz precitat jitratta ta' kuntratt pubbliku (ghalkemm fil-kawza l-ohra kien self) ighodd ghalih id-dispositiv tal-artikolu 258 paragrafu (c) li jistabillix t-terminu ta' tlett snin minn dakinhar li fih skond il-ligi il-kuntratt seta' jigi ezegwit. U dan hu l-qofol tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija:
Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti min nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt[1]. Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju[2]. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli;

[1] Art. 253(b) tal-Kap 12
[2] Art. 256(2) tal-Kap 12

Illi fejn, bħal fil-każ tal-lum, kuntratt ikun ħalaq id-dejn iżda ma jkunx iddetermina sa minn dak inhar meta d-dejn ikun dovut jew ikun stabilixxa ċirkostanza jew ċirkostanzi fejn il-bilanċ jista' jintalab minnufih qabel iż-żmien li jkun ingħata, l-att ġudizzjarju msemmi jservi biex jirrendi d-dejn bħala wieħed dovut, minbarra li jkun ikkonferma ċċertezza tiegħu u l-likwidazzjoni mitluba mil-liġi[3];

Fil-kaz li hawn quddiem il-Qorti, il-kuntratt ma stabilixxa ebda dilazjoni ta' terminu ghal pagament u haseb ghall-modalita tat-talba ghal hlas cioe fuq talba semplici bil-miktub. Il-kuntratt ghalhekk jistabilixxi biss il-fakulta diskrezzjonali tal-bank ghal hlas lura lilha tas-somma mislufa. Pero la darba l-kuntratt stabilixxa esplicitament li d-debitu hu wiehed cert, likwidu u dovut fil-mument li sar il-kuntratt il-hlas kollu tieghu skond il-ligi seta' jintalab mill-ewwel wara l-kuntratt. Ghalhekk ai termini tal-artikolu 258 il-hlas tad-debitu dikjarat cert, likwidu u dovut bla ebda dilazzjoni ta' pagament favur id-debitur seta' jigi ezegwit immedjatament u dan wara talba bil-miktub mill-bank.

Din it-talba bil-miktub, frott il-ftehim esplicitu bejn il-partijiet ma jirrendix it-titolu ezegwibbli b'daqshekk biss ghax din it-talba kull ma taghmel hu li tirrendi effikaci l-kundizzjoni imposta fuq il-bank biex tgharraf lid-debituri li trid tithallas lura d-debitu miftiehem bl-imghax kif miftiehem, u b'hekk taghti l-fakolta lid-debitur li jottemperaw ruhhom mat-talba. Jekk pero l-hlas ma jsirx il-bank jkun f'pozizzjoni li jirrendi t-titolu ezekuttiv tieghu, cioe l-kosituzzjoni tad-debitu skond l-artikolu 253 ezegwibbli skond ma jrid l-artikolu 256(2) cioe jumejn wara n-notifika ta' ittra ufficjali lid-debituri.

Dan ir-rikors, pero, maghmul a bazi tal-artikolu 258 ma jridx irendi t-titolu ezekuttiv ezegwibbli u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 256(2), izda irid biss li l-Qorti tirravviva t-titolu ezekuttiv qua titolu ezekuttiv biex il-kreditur ikun f'pozizzjoni li jirrendih ezegwibbli u dan ghax ghaddew tlett snin mindu seta' jigi ezegwit.

[3] P.A. JZM **4.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Small Properties Limited et**

Hi l-fehma tal-Qorti illi t-titolu seta' jigi ezegwit kif trid il-ligi u in konformita mal-kuntratt in kwistjoni hekk kif sar cioe f'Settembru 1999 billi kif inghad ma kien hemm ebda terminu ta' dilazzjoni ghal hlas u ghalhekk il-hlas in principju kien dovut immedjatament wara l-imsemmi kuntratt. Il-fatt li l-bank ma baghatx ittra lid-debitur biex ihallsu lura d-debitu ma hu ta' ebda importanza ghal din il-procedura ghax il-bank qed jitlob biss li t-titolu jerga' jinghata forza ghal ezegwibilita futura tieghu. Billi jidher li ghaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jigi ezegwit il-kuntratt, il-kreditur kellu jiftah din il-procedura immirata biss ghar-ravvivar tat-titolu ezekuttiv u konsegwentement u sussegwentement l-ezegwibilita tieghu skond l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12.

Dan ir-rikors mhux intiz biex jigi stabbilit l-ammont effettivament dovut izda biss li ta titolu ezekuttiv fil-forma kostitutiva tieghu ghadu vigenti u li ghaddew aktar minn tlett snin mindu seta' jigi ezegwit. Konsiderazzjonijiet dwar l-ammont effetivament dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti izda semmai jidhlu in vigore jekk it-titolu jinghata ezekuzzjoni fejn allura l-partijiet ikollhom ir-rimedji li taghti l-ligi fl-esekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-procedura uzata mill-bank kienet korretta. Il-konvenuti ghamlu diversi eccezzjonijiet kontra dan ir-rikors.

**Intempestivita tar-rikors**

Il-konvenuti sostnew li r-rikors kien intempestiv ghax ma saritx l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 256(2). Il-Qorti gia dahlet f'din il-kwistjoni aktar il-fuq fis-sentenza u tqis li l-ittra uficjali mhix necessarja biex tirriattiva t-titolu izda semmai hi necessarja meta t-titolu ikun qed jigi rez ezekuttiv.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-fatt li l-konvenut jew min minnhom kien qed jaghmel xi pagamenti ma jzommx lir-rikorrenti milli jipprocedu b'dan

ir-rikors li ma ghandux x'jaqsam mal-pagamenti u l-ammont bilancjali dovut.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni dwar il-prova tal-pagamenti u komputazzjoni ta'dak dovut**

Hawn ukoll il-Qorti gia qalet li dan il-kompitu mhux fdat lil Qorti b'din il-procedura sakemm ma jigix eccepit li d-debitu hu saldat u ghalhekk it-titolu ezekuttiv ma ghndux jezisti, li mhux il-kaz. Jibqa' ovvjament impregudikat id-drittijiet tal-partijiet jekk u meta l-kreditur jipprova jenforza t-titolu tieghu rigward il-bilanc realment dovut. Dak li qed jigi riattivat hu l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li fiz-zmien li sar kien cert, likwidu u dovut.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni dwar is-separazzjoni personali bejn il-konvenuti u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u separazzjoni tad-debiti**

Din l-eccezzjoni ma fiha ebda siwi f'din l-istanza billi d-debitu gie maghmul mill-konvenuti solidament u kulll pretensjoni li l-konvenuti ghandhom kontra xulxin hu inter alios acta fil-konfront tal-bank kreditur.

**Eccezzjoni tal-konvenuta li ma kienitx taf bil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu**

Din l-eccezzjoni hi frivola billi l-firma tal-konvenuta tidher fuq il-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' debitu u l-istess konvenuta kkonfermat il-forma tieghu fuq il-kuntratt quddiem din il-Qorti. Jekk il-konvenuta qed tallega xi vizzju ta' kunsens, din trid tmexxi proceduri fis-sede appozitu u mhux f'din l-istanza.

**Eccezzjoni tal-konvenut dwar liema proprjeta ghandha ssir esekuzzjoni fuqha**

Din l-eccezzjoni wkoll qed tigi skartata peress li dawn il-proceduri mhux l-istadju idoneju ghal eccezzjonijiet jew talbiet simili.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, salv u impregudikat id-drittijiet tal-partijiet dwar l-ammont dovut mid-debituri.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------